# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 61/2017 MH**

**Illum, 8 ta' Novembru, 2019**

**Philip u Carmela konjuġi Balzan**

**vs**

**Joseph Balzan u Jacqueline Balzan**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat ta' l-atturi tad-19 ta' Jannar 2017** li permezz tiegħu esponew:

1. *"Illi l-konvenut huwa iben l-atturi, filwaqt li l-konvenuta hija mart il-konvenut.*

2. *Illi l-konvenuti sseparaw minn xulxin b'sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet "Jacqueline Balzan pro et noe vs. Joseph Balzan" fis-26 ta' Frar 2015, u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell*

*b'sentenza ta' l-1 ta' Frar 2016 fl-intier tagħha salv għall-kap li jirregola l-manteniment dovut mill-konvenut lill-konvenuta.*

3. *Illi qabel is-separazzjoni tal-konvenuti, l-atturi sellfu diversi somom ta' flus brevi manu lill-konvenuti, u liema flus ġew użati mill-konvenuti fl-interess u għall-benefiċċju tagħhom, kif se jiġi ippruvat waqt is-smiegħ ta' din il-kawża.*

4. *Illi għalhekk il-konvenuti huma flimkien u solidalment bejniethom debituri ta' l-atturi fis-somma komplessiva ta' tmienja u disgħin elf disa' mija tlieta u ħamsin Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€98,953.71).*

5. *Illi għalkemm ġew debitament interpellati, l-konvenuti baqgħu ma ħallsux id-dejn dovut minnhom.*

6. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

7. *Illi l-attriċi Carmela Balzan tiddikjara li taf bil-fatti suesposti personalment.*

*Għaldaqstant l-atturi umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

(1) *tiddeċiedi u tiddikjara illi l-konvenuti huma flimkien u solidalment bejniethom debituri ta' l-atturi fis-somma ta' tmienja u disgħin elf disa' mija tlieta u ħamsin Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€98,953.71);*

*(2) tikkundanna lill-konvenuti sabiex flimkien u solidalment bejniethom iħallsu lill-atturi s-somma ta' tmienja u disgħin elf disa' mija tlieta u ħamsin Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€98,953.71),*

*u dan previa kull provvediment ieħor opportun.*

*Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċċjali bin-numru 3589/2016, u bl-imgħax legali skont il-liġi, solidalment kontra l-konvenuti, li huma minn issa nġunti in subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-Risposta ġuramentata tal-konvenuta Jacqueline Balzan tat-23 ta' Marzu 2017**[1] li permezz tagħha ressqet dawn l-eċċezzjonijiet –

*1) "Illi t-talbiet attriċi fil-konfront tagħha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjes kontra l-atturi.*

*2) Fl-ewwel lok, kif dikjarat mill-atturi stess, l-esponenta qatt ma talbet għal flus jew self iżda dawn il-flus issellfu dejjem minn Joseph Balzan waħdu fuq parir tal-Avukat tiegħu fi proċess ikkontestat ta' separazzjoni li kien hemm bejn il-ko-konvenuti u kwindi l-esponenta għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju u b'ebda mod ma tinstab responsabbli għal tali self magħmul, jekk dan jiġi ppruvat li sar.*

*3) Illi l-esponenta, anke meta saret konxja tad-dejn li l-ko-konvenut Joseph Balzan kien għamel matul il-proċess ta' separazzjoni skond kif iddikjara hu stess*

[1] Fol 29 et seq

*fil-proċess ta' separazzjoni, dejjem ddikjarat, kif jirriżulta mill-proċess ta' separazzjoni, illi hija ma kinitx qegħda tirratifika tali dejn magħmul minn Joseph Balzan waħdu ad insaputa tal-mittenti, u ma kellha x'taqsam xejn ma tali dejn.*

*4) Illi fid-dawl tal-premess, id-drittijiet kollha tal-esponenti ai termini tal-Artikolu 1326(5) tal-Kap 16 qed jiġu riżervati.*

*5) Illi wkoll pero' u għar-raġunijiet hawn fuq espressi, l-esponenta għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju in kwantu illi l-ko-konvenut Joseph Balzan għandu jirrispondi waħdu għat-talbiet attriċi, in kwantu illi d-dejn talvolta minnu assunt fil-perkors tal-proċeduri ta' separazzjoni ma għandux jolqot il-komunjoni ta' l-akkwisti tal-konvenuti, ormai illum xjolta, iżda titqies obbligazzjoni parafernali tal-ko-konvenut Joseph Balzan.*

*6) Salv risposta ulterjuri.*

*7) Bl-ispejjes."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat in-**Nota Ġuramentata tal-konvenut Joseph Balzan tal-5 ta' Mejju 2017**[2] permezz ta' liema filwaqt li għamel referenza għat-talbiet tar-rikors ġuramentat ammetta l-istess talbiet kif hemm dedotti.

Rat il-provi kollha mressqa mill-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejniethom.

[2] Fol 34

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

L-atturi ntavolaw il-proċeduri odjerni sabiex jirkupraw is-somma totali ta' €98,953.71 allegatament mislufa *brevi manu* f'perjodi differenti lil binhom il-konvenut Joseph Balzan u martu l-konvenuta Jacqueline Balzan fl-interess u għall-benefiċċju tagħhom qabel ma dawn isseparaw.

Filwaqt li l-konvenut ammetta t-talbiet attriċi kif dedotti l-konvenuta rrespinġiet il-pretensjonijiet tal-atturi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt għal numru ta' raġunijiet fosthom li kien il-konvenut, mingħajr il-kunsens tagħha, li ssellef dawn il-flus u li meta hija skopriet b'dan kollu kienet iddikjarat fil-kors tal-proċeduri ta' separazzjoni li hija ma kinitx qegħda tirratifika tali dejn.

**PROVI**

1. Xehdet **l-attriċi Carmela Balzan**[3], mart l-attur Philip Balzan li spjegat li l-konvenut binhom Joseph Balzan u martu l-konvenuta Jacqueline Balzan kienu ssepparaw b'sentenza mogħtija mill-Qorti. Qalet li hija u żewġha kienu silfu diversi somom ta' flus lill-konvenuti fuq medda ta' żmien li ammontaw għat-total ta' €98,953.71.

Hija spjegat li meta l-konvenuti kienu għadhom jgħixu taħt l-istess saqaf kellhom negozju tat-trobbija tat-tiġieġ u darba l-konvenuta kienet talbitha ssellifha s-

[3] Affidavit a fol 22 et seq

somma ta' Lm3,000 (€6,988.12) sabiex tixtri l-ġwież għat-tiġieġ u l-attriċi kienet sellfitomlha.

Ftit taż-żmien wara l-konvenuti tħajru jixtru għalqa f'Ħaż-Żebbuġ, Malta b'kuntratt li ġie pubblikat minn nutar Mariella Mizzi fil-21 ta' Frar 2007. Dakinhar hi marret mal-konvenuti għand in-nutar Mizzi, silfithom is-somma ta' Lm5,000 (€11,646.87) li tħallsu dakinhar stess fuq il-kuntratt lill-vendituri. Dakinhar ma tħallas xejn aktar u l-bilanċ tal-prezz kellu jitħallas mill-konvenuti lill-vendituri skont it-terminu miftiehem fuq il-kuntratt. Għalhekk dak li tħallas dakinhar tħallas kollu minnha.

L-attriċi kompliet tgħid li xi żmien wara, l-konvenuti kienu ffurmaw kumpanija fil-Bulgarija biex jakkwistaw proprjeta' biha. Meta għamlu dan, inkorrew xi spejjeż in konnessjoni ma' l-akkwist tal-proprjeta'. Ħabiba tal-konvenuti, ċertu Maria Assunta Spiteri, li wkoll kienet xtrat proprjeta' fil-Bulgarija, offriet illi la kienet sejra biex tħallas l-ispejjeż dwar il-proprjeta' tagħha, tħallas ukoll dawk tal-proprjeta' tal-konvenuti. Binha Joseph kien talabha sselfu flus biex jiġu koperti dawn l-ispejjeż li kienu jammontaw għal €440 u hi kienet ħallset dawn l-ispejjeż billi għaddiethom direttament lil Maria Assunta Spiteri kif kienet miftiehma mal-konvenut. Dak iż-żmien, il-konvenuti kienu diġa' bdew bl-inkwiet bejniethom u l-konvenut kien talabha dan is-self biex jitħallsu l-ispejjeż għax kienu qalulu li jekk ma jitħallsux, il-proprjeta' fil-Bulgarija tista' tintilef.

L-attriċi kompliet tispjega li s-somom l-oħra li għaddiet fl-interess tal-konvenuti għaddiethom fi żmien li matulu l-konvenuti kienu għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni. Dawn is-somom kienu –

a. €56,424.48 – li tħallas permezz ta' ċekk datat 31 ta' Lulju maħruġ favur Dr Mario Caruana, li kien l-avukat ta' binha dak iż-żmien. Dawn intużaw mill-

konvenut sabiex il-konvenuti jirkupraw l-appartament numru 4, "Emanuel Flats" fi Triq Kent, il-Fgura, liema appartament kien inbiegħ b'subbasta mill-Bank;

b. €5,914.25 li hi ħallset permezz ta' ċekk datat 13 ta' Mejju 2014 favur Dr Mario Caruana li ntużaw minn binha sabiex l-irkupru tal-appartament tal-Fgura jkun jista' jsir. Il-konvenut qalilha li fiż-żmien li fih dan l-appartament kien inxtara mill-Bank, l-istess Bank kien għamel ammont ta' spejjeż fl-appartament u fil-komun u dawn kellhom jiġu depożitati sabiex l-irkupru jkun jista' jsir;

c. €17, 540 li hi ħallset permezz ta' bank draft ukoll lil Dr Mario Caruana sabiex jintużaw minn binha l-konvenut sabiex il-konvenuti jirkupraw għalqa fil-kontrada "Ta' Wiċċ ir-Raħal" jew "Ta' Sant' Antnin" f'Ħaż-Żebbuġ, Malta u dan wara li l-istess għalqa nbiegħet b'subbasta.

Hija spjegat li l-flus mislufin fit-tlett okkażjonijiet spjegati fil-preċedenti dejjem issellfu minnha fuq talba ta' binha il-konvenut, u fuq parir ta' l-avukat tiegħu Dr. Mario Caruana li għandha jedd li tintradd il-flus lura. Dawn il-flus dejjem intużaw għall-ġid tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u biex jiġi evitat li l-propjeta' tal-komunjoni tinbiegħ b'subbsata b'telf ta' flus.

Għalkemm binha dejjem aċċetta li għandha tieħu dawn il-flus lura, il-konvenuta għalkemm irrikonoxxiet parti mill-kreditu tagħha, m'hijiex tagħrfu kollu, u lanqas ma offriet li tħallas dak li mhux tikkontesta.

Hi tippretendi il-ħlas lura ta' dak li sellfet skont il-liġi.

In **kontro-eżami**[4] hija kkonfermat li meta sellfet il-flus lil binha fil-perjodu li kien għaddej bil-proċeduri ta' separazzjoni, hu u martu ma kinux f'relazzjoni tajba ta' komunikazzjoni u ma kinux jitkellmu. Lanqas ma' l-atturi ma kienet titkellem Jacqueline. Fil-fatt il-flus mislufa lill-konvenut waqt dan il-perjodu, l-attriċi qatt ma kellmet lill-konvenuta dwarhom. U l-konvenuta ma marritx aktar għandhom.

[4] Fol 132 et seq

L-attriċi qalet li l-flus li ħarġet f'dan il-perjodu tathom lill-avukat Caruana biex jippreżentahom il-Qorti. Il-flus li kellhom jitħallsu għall-proprjeta' li l-konvenuti kellhom fil-Bulgarija kien talabhomlha binha. Qalet ukoll li t-Lm3,000 li kienet tat lill-konvenuti għall-ġwież tat-tiġieġ kienu tħallsu lura. Meta ġie suġġerit lilha mid-difensur tal-konvenuta li hi ma kinitx sellfithom Lm3,000 għall-ġwież imma Lm2,000 għal xiri ta' vann, l-attriċi ċaħdet li dan il-każ u qalet li l-vann kienet xtratulhom hi għas-somma ta' Lm10,000. It-Lm3,000 l-attriċi baqgħet tinsisti li kienu għall-ġwież, almenu hekk qaltilha l-konvenuta; issa jekk din ta' l-aħħar użathom għal xi ħaġa oħra l-attriċi ma tafx. Pero' kienet tathomlha f'idejha fi flus kontanti.

2. Xehdu **Alison Mifsud Brimmer**[5] u **Joanna Bartolo**[6] in rappreżentanza tal-banek HSBC Bank Malta plc u Bank of Valletta plc rispettivament li fost oħrajn xehdu dwar iċ-ċekkijiet maħruġa mill-attriċi, kif u minn min issarfu u fejn ġew depożitati l-flus imħallsa.

3. Xehed **Dr Mario Caruana**[7]**, l-avukat li kien ippatroċina l-konvenut waqt il-proċeduri ta' separazzjoni** li xehed dwar l-inkarigu tiegħu u pariri li ta lill-konvenut fosthom dwar id-depożiti ta' flus li saru bil-għan ta' rkupru ta' beni rkantati mill-Qorti u li kienu jappartjenu lill-konjugi. L-irkant kien sar għax il-konvenuti ma kinux qegħdin iħallsu l-loan tagħhom fuq il-proprjeta' li kellhom il-Fgura. Il-parir tax-xhud kien li jsir l-irkupru u li dan ma jkunx f'isem il-konvenut biss peress li huma kienu *de facto* separati u l-fond kien f'isem il-konvenuta wkoll. Fil-frattemp peress li l-konvenut ma kellux finanzi irrikorra

[5] Fol 39 et seq
[6] Fol 42 et seq
[7] Fol 45 et seq

għand ommu li aċċettat li tiffinanzja l-ħlas dovut għal dan l-irkupru. Huwa qal ukoll li proċess ta' rkupru sar ukoll fir-rigward ta' art agrikola u razzett.

In **kontro-eżami**[8] huwa qal li lill-konvenuta Jacqueline Balzan qatt ma tkellem magħha direttament imma fil-proċeduri ta' separazzjoni kienu nfurmaw b'dan lill-Qorti, kif juru anke l-verbali. Huwa kkonferma li struzzjonijiet dwar dawn l-irkupri mingħand il-konvenuta qatt ma ħa; hija ġiet infurmata wara li saru. Huwa ma eskludiex li fil-proċeduri ta' separazzjoni l-konvenuta kienet ressqet oġġezzjoni espressa meta ġiet infurmata b'dan kollu. Dwar min ħareġ il-flus għall-liberazzjoni x-xhud qal li skond ma qallu l-konvenut, kienet l-attriċi li ħarġithom. Dawn il-flus kienu nħarġu fi żmien li l-koppja kienet għaddejja bis-separazzjoni li pero' kienet għadha *de facto*.

4. Xehdet **Marvic Farrugia, in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qorti**[9] dwar il-bejgħ bis-subbasta tal-proprjeta' tal-konvenuti u dwar iċ-ċedoli ta' rkupru li ġew preżentati. Qalet ukoll li l-istima tal-appartament tal-Fgura kienet €80,000 skont il-perit u ġie liberat favur il-Bank of Valletta €48,000 *animo compensandi*. L-għalqa ġiet stmata għal €20,000 u liberata bil-prezz ta' €14,500.

5. Xehed **il-konvenut Joseph Balzan**[10] li xehed dwar il-flus mislufa mill-ġenituri tiegħu. Huwa semma s-somma ta' Lm3,000 għall-ġwież tat-tiġieġ li tagħtomlu ommu meta kien għadu miżżewweġ. Dan peress li kienu jrabbu t-tiġieġ imma skont il-konvenut bejn perjodu u ieħor ma kienx ikollhom biżżejjed flus biex irabbuhom u ommu kienet tislifhom il-flus. Kienet martu li kienet tmur għand ommu u titlobhomlha. Il-post li fih kienu jrabbu t-tiġieġ kien tal-ġenituri ta' martu. Xehed ukoll dwar is-somma ta' LM5,000 (€11,646) mislufa mill-attriċi sabiex il-konvenuti jixtru għalqa ġewwa Ħaż-Żebbuġ (magħrufa bħala "Ta' Wiċċ ir-Raħal"). Din l-art inxtrat waqt iż-żwieġ u qabel ma l-koppja konvenuta

[8] Fol 49 et seq
[9] Fol 52 et seq u fol 62 et seq
[10] Fol 54 et seq

sseparat. Iċ-ċekk għal dan is-self kien sar quddiem in-Nutar Mariella Mizzi li abbozzat il-kuntratt relattiv.

Il-konvenut xehed ukoll dwar riċevuta ta' ħlasijiet (esibita in atti) permezz ta' liema kienu saru ħlasijiet għall-ispejjeż annwali marbuta ma' proprjeta' li akkwistaw fil-Bulgarija. Xehed ukoll dwar il-flus mislufa minn ommu għall-irkupru tal-appartament tal-Fgura. Qal li ma kienx xtaq li jinbiegħ bis-subbasta dan l-appartament għax ma kienx se jrendi l-valur tiegħu mis-subbasta. L-irkupru kien għas-somma ta' €56,424 għall-appartament u kellhom jitħallsu wkoll €5914 oħra biex l-irkupru jkun komplut peress li fil-frattemp kien hemm xi ħsara fil-komun. Dawn il-flus kienet ħarġithom ommu l-attriċi. Kien hemm ukoll l-irkupru tal-appartament tal-art ta' Ħaż-Żebbuġ għas-somma ta' €17,540 li sar fil-kors tal-proċeduri ta' separazzjoni.

Il-konvenut kompla jgħid li meta nbdew il-proċeduri ta' separazzjoni huwa u martu ma kinux f'rapporti tajbin. Huwa qal ukoll li l-flus kollha li sellfuhom il-ġenituri tiegħu s'issa xejn ma tħallas minnhom. Kompla jgħid li l-proprjeta' li ġiet irkuprata mis-subbasta għadha tgħajjat lilu u lil martu.

In **kontro-eżami**[11] qal li ma jidhirlux li lill-konvenuta kien infurmaha dwar il-proċeduri għall-irkupru.

In **ri-eżami**[12] huwa qal li l-proprjetajiet li ġew irkuprati mill-Qorti għadhom fuq isem il-konvenuti. Huwa kien ipprova jbiegħhom iżda ma setax minħabba li kienu qegħdin fuq isem it-tnejn.

6. Xehdet **in-nutar Mariella Mizzi**[13] esibiet kopja ta' kuntratt datat 21 ta' Frar 2007 permezz ta' liema Joseph u Salvina Gatt kienu biegħu lill-konvenuti għalqa

[11] Fol 168 et seq
[12] Fol 170
[13] Fol 101 et seq

ta' wiċċ ir-Raħal Ħaż-Żebbuġ għall-prezz ta' Lm10,000 (€23,293) li kellhom jingħataw skont skeda ta' pagament miftiehma bejn il-partijiet.

7. Xehdet **Salvina Gatt**[14] li qalet li darba kienet marret tħabbtilha l-konvenuta biex tbiegħlha għalqa li kienet għall-bejgħ. Kienu ftehmu u l-għalqa nbiegħet lill-konvenuti konjugi waqt iż-żwieġ. Ix-xhud qalet li kienu aċċettaw li l-ħlas isir bin-nifs u l-ewwel tawhom ċekk ta' Lm5,000 (€11,646.87) imbagħad Jacqueline Balzan kienet għamlet żewġ pagamenti, wieħed ta' Lm2,000 u l-ieħor ta' Lm1,000 u wara beda l-inkwiet bejn il-koppja u ma tathiex iktar ħlasijiet. Eventwalment kienu saru l-ħlasijiet rimanenti dovuti. L-ewwel ċekk ta' Lm5,000 (€11,646.87) inħareġ minn fuq Carmen Balzan pero' tagħtulha f'idejha l-konvenuta meta kienu għand in-nutar.

8. Xehdet **il-konvenuta Jacqueline Balzan**[15] li qalet li kien ilu ma jkollha komunikazzjoni ma' żewġha Joseph Balzan sa mill-2009 meta bdew il-proċeduri għal separazzjoni. Anke mal-ġenituri tiegħu kienet ilha minn dak iż-żmien ma tikkomunika. Mis-somma kollha mitluba mill-atturi fil-kawża hija ammettiet li kien hemm dovuti biss Lm5,000 (€11,646.87) li kienet tathomlhom b'ċekk għal xiri ta' għalqa f'Ħaż-Żebbuġ u Lm2,000 (€4658) imħallsa bħala depożitu fuq proprjeta' ġewwa l-Bulgarija. Dan is-self sar circa fis-sena 2006/2007 meta l-konvenuti kienu għadhom miżżewġin u jgħixu flimkien.

Dwar flejjes oħrajn li l-atturi jgħidu li huma dovuti, l-konvenuta qalet li lejn l-aħħar tal-proċeduri ta' separazzjoni hija saret taf li kien sar xi rkupru ta' flus fuq xi proprjeta'. Hija kienet ressqet oġġezzjoni dwar dan f'dawk l-istess proċeduri fejn qalet li ma kinitx ser tagħmel tajjeb għal dak id-dejn għax hi qatt ma kienet infurmata dwaru la mill-konvenut u lanqas mill-ġenituri tiegħu[16].

[14] Fol 104 et seq
[15] Fol 150 et seq
[16] Verbal esibit a fol 165

In **kontro-eżami**[17] hija qalet li ma kinitx infurmata li kien hemm xi subbasti għaddejjin fuq proprjeta' tagħha u ta' żewġha minn kredituri tagħhom.

Hija baqgħet tiċħad li l-attriċi kienet tagħthom Lm3,000 (€6,988) biex jixtru l-ġwież tat-tiġieġ.

In **ri-eżami**[18] hija reġgħet ikkonfermat li Lm7,000 (€16,304) huma dovuti lill-atturi u hi kienet taf bihom.

**Ikkunsidrat:**

Mill-provi jirriżulta li s-somma ta'  tmienja u disgħin elf disa' mija tlieta u ħamsin Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€98,953.71) mitluba mill-atturi tirrappreżenta s-segwenti allegat self –

- €6,988.12 (Lm3,000) sabiex jinxtara mill-konvenuti l-ġwież għat-tiġieġ

- €11,646.87 (Lm5,000) għal xiri ta' għalqa magħrufa bħala "Ta' Wiċċ ir-Raħal" f'Ħaż-Żebbuġ, Malta mill-konvenuti

- €440 għal ħlas ta' spejjeż konnessi ma' proprjeta' li l-konvenuti kellhom ġewwa l-Bulgarija[19]

- €56,424.48 imħallsa b'ċekk mill-attriċi fil-31 ta' Lulju 2013[20] lill-avukat Dr Mario Caruana, avukat tal-konvenut, u dan sabiex jiġi rkuprat appartament fil-Fgura, proprjeta' tal-konvenuti u li kien inbiegħ b'subbasta mill-Bank

[17] Fol 157 et seq
[18] Fol 161 et seq
[19] Fol 95
[20] Fol 68

- €5,914.25 imħallsa b'ċekk mill-attriċi fit-13 ta' Mejju 2014[21] lill-avukat Dr Mario Caruana, avukat tal-konvenut, u dan sabiex fl-irkupru tal-appartament tal-Fgura iservi ta' depożitu addizzjonali in vista tal-fatt li fil-frattemp il-Bank kien laħaq inkorra xi spejjeż fl-appartament u fil-komun

- €17,540 imħallsa b'*bank draft* mill-attriċi lill-avukat Dr Mario Caruana[22], avukat tal-konvenut, u dan sabiex tiġi rkuprata l-għalqa "Ta' Wiċċ ir-Raħal", proprjeta' tal-konvenuti u li kien inbiegħet b'subbasta

Filwaqt li permezz tan-Nota t'Ammissjoni tiegħu l-konvenut Joseph Balzan aċċetta li l-ammont mitlub mill-atturi huwa dovut fl-intier tiegħu, il-konvenuta Jacqueline Balzan ħadet pożizzjoni opposta u fl-eċċezzjonijiet tagħha rribadiet li xejn minn dak mitlub ma hu dovut.

Jiġi rilevat pero' li fil-kors tal-proċeduri irriżulta li l-konvenuta rrikonoxxiet li parti żgħira mis-somma mitluba hija effettivament dovuta. Infatti f'aktar minn okkażjoni waħda l-konvenuta ammettiet li s-somma ta' €16,305.61 (Lm7,000) hija dovuti lill-atturi; dan in kwantu għal €11,646.87 (Lm5,000) għal xiri ta' għalqa magħrufa bħala "Ta' Wiċċ ir-Raħal" f'Ħaż-Żebbuġ, Malta mill-konvenuti u €4658.74 (Lm2,000) bħala self ieħor li l-atturi għamlu lill-konvenuti fil-kors taż-żwieġ.

Waqt ix-xhieda tal-konvenuta tal-5 ta' Diċembru 2018[23] ingħad hekk –

*"Dr Cuschieri: Inti taf li f'dil-kawża qed tintalab somma konsiderevoli, mingħand il-ġenituri ta' Balzan. X'taf tgħidilna inti dwar flus dovuti jew mhux dovuti lil dawn in-nies?*

[21] Fol 69
[22] Fol 70
[23] Fol 152 et seq

*Xhud: Lil Carmela Balzan hemm sebat elef Maltin dovuti.*

*Dr Cuschieri: X'inhuma dawn?*

*Xhud: Kienet sellfithomna għall-għalqa, b'ċekk tatomna Lm5000.*

*Dr Cuschieri: Meta tgħid fuq għalqa.*

*(.....)*

*Xhud: Fuq għalqa li tinsab Ħaż-Żebbuġ, kienet sellfitomna Lm5000.*

*Qorti: Min?*

*Xhud: Carmela Balzan, omm l-ex raġel. U Lm2000 depożitu fuq djar ġewwa l-Bulgarija.*

*Qorti: U dan dejjem Carmela?*

*Xhud:Ehe"*

Din l-ammissjoni saret ukoll waqt ix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja)[24] u anke fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha.

**Għalhekk il-Qorti sejra tilqa' mill-ewwel tilqa' t-talba tal-atturi fir-rigward tas-somma ta' €16,305.61 li hemm qbil dwarha minn entrambi l-konvenuti.**

Imiss issa jiġu ndagati l-pretensjonijiet attriċi fir-rigward tal-bqija tas-somma pretiża.

Il-pretensjoni attriċi għas-somma ta' €6,988.12 (Lm3,000) hija kontestata mill-konvenuta. Hija ssostni li l-atturi kienu sellfuhom l-€4658.74 (Lm2,000) appena msemmija u mhux €6,988.12 (Lm3,000).

[24] Fol 124

Hemm għalhekk diskrepanza ta' €2329.38 li dwarha mhux qed jaqblu l-partijiet f'dan il-kuntest.

Inoltre, l-konvenuta ssostni li s-somma ta' €440 pretiża mill-atturi hija addirittura nkorporata fis-somma ta' €4658.74 mislufa in konnessjoni mal-proprjeta' fil-Bulgarija.

Kif inhu pero' risaput fil-ġurisprudenza, dan il-kunflitt ta' provi m'għandux ikun ta' ostaklu *per se* biex il-Qorti tasal għall-ġudizzju tagħha. Ingħad hekk fil-każ fl-ismijiet **Raymond Cauchi noe vs Michael Angelo Fenech deciz fil-15 ta` Dicembru 2015**[25]-

"***Konflitt tal-verżjonijiet***

*Fis-sentenza tagħha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawża **`Xuereb et vs Gauci et`** il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp ċivili –*

*"Huwa paċifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn żewg prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1) Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propożitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem ieħor il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f`kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Kollez. Vol L pII p440)."*

[25] Rik Gru Nru 1170/86

*(ara wkoll: "**Bugeja vs Meilak**" – PA/TM – 30 ta` Ottubru 2003; "**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**" – PA/PS – 28 ta` Mejju 2003 ; "**Farrugia vs Farrugia**" – PA/CC – 24 ta` Novembru 1966)*

Il-Qorti wara li rat il-provi mressqa tasal għall-konklużjoni, fuq bażi ta' probabilta' li t-teżi attriċi hija aktar attendibbli. Fl-ewwel lok hija baqgħet dejjem fermenent issostni, anke meta pressata ripetutament in kontro-eżami, l-verżjoni tagħha li hija kienet silfet €6,988.12 (Lm3,000) lill-konvenuti u dan fi flus kontanti. Veru m'hemm xejn bil-miktub iżda b'daqshekk ma jfissirx li x-xhieda għandha tiġi skartata. Dan anke meta wieħed jiżen il-kredibilita' u l-konsistenza tal-attriċi fir-rigward tas-somma intiera mitluba.

Minn naħa l-oħra l-Qorti tinnota nuqqas ta' konsistenza fid-difiża tal-konvenuta fir-rigward. Għalkemm qalet li €4658.74 (Lm2,000) huma dovuti, l-ewwel xehdet li dawn kienu ntużaw għax-xiri ta' proprjeta' fil-Bulgarija iżda waqt il-kontro-eżami tal-attriċi beda jingħad da parte tal-konvenuta li dawn kienu għal xiri ta' vann.

Inoltre filwaqt li l-konvenuta tinsisti wkoll li s-somma ta' €440 kienet inkluża fis-somma ta' €4658.74 (Lm2,000) mislufa lill-konvenuti, il-provi jindikaw mod ieħor. L-attriċi dejjem insistiet li kienet hija li ħallset direttament lil terza persuna din is-somma u fil-fatt l-irċevuta għas-somma ta' €440 a fol 95 ġiet preżentata mill-attriċi u hija maħruġa f'isimha u tindika li tali somma tħallset minnha.

Tinnota ukoll il-Qorti nkonsistenti generali da parti ta' Jacqueline Balzan n kawntu dak li hi ressqet bħala eċċezzjoni, tgħid li hi qatt ma sselfet flus mingħand il-ġenituri ta' żewġha, dan ġia bi kontradizzjoni għal self minnha ammess izjed tard kif premess. Ukoll ħarsa lejn in-nota ġuramentata li presentata l-attriċi ġia fis-separazzjoni personali bejnha u l-ko konvenut[26], insibu li hemm Jacqueline

[26] A folio 116 fir-rikors ġuramentat 22/09NC

Balzan ġia tammetti li d-dejn li hemm mal-membri tal-familja tal-partijiet għandu jinqassam nofs bin-nofs.[27]

**Għalhekk il-Qorti isib li għandha temmen il-verżjoni tal-attriċi li hija sellfet lill-konvenuti s-somma totali ta' €6,988.12 (Lm3,000) u mhux biss €4658.74 (Lm2,000) u inoltre li s-somma ta' €440 huwa self apparti li għandu jiġi rifuż separatament mill-konvenuti.**

Jifdal għalhekk l-allegat self rigwardanti l-irkupru tal-appartament tal-Fgura u tal-għalqa ta' Ħaż-Żebbuġ u dan f'perjodu meta l-konvenuti kienu għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni.

F'dan ir-rigward jingħad qabel xejn li mill-provi rriżulta li-

- l-konvenuti kienu żżewġu fl-24 ta' Settembru 1994 u, in vista ta' problemi matrimonjali, fis-sena 2009 il-konvenuta Jacqueline Balzan intavolat proċeduri ta' separazzjoni quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja). B'sentenza tas-26 ta' Frar 2015 dik il-Qorti kienet ippronunzjat is-separazzjoni personali, liema separazzjoni kienet ġiet konfermata (salv għal varjazzjoni fil-quantum tal-manteniment) mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar 2016;

- Fil-mori ta' dawk il-proċeduri l-konvenut Joseph Balzan, fuq parir tal-avukat tiegħu, kien talab self ta' flus lill-atturi ġenituri tiegħu u dan sabiex jiġu rkuprati l-proprjetajiet imsemmija fil-Fgura u f'Ħaż-Żebbuġ li kienu nbiegħu b'subbasta. Għal dan il-għan l-attriċi kienet ħarġet a favur l-avukat

---

[27] Folio 120.

Dr Mario Caruana żewġ ċekkijiet fl-ammont ta' €56,424.48, €5,914.25 u bank draft fl-ammont ta' €17,540.

- Il-proprjetajiet in kwistjoni ġew debitament irkuprati u għadhom jgħajtu lill-entrambi l-konvenuti.

- Irriżulta wkoll mill-provi li l-konvenut ma talabx il-kunsens tal-konvenuta qabel għamel dan il-pass u lanqas infurmaha dwar dan kollu. Kien biss waqt il-proċeduri ta' separazzjoni li Jacqueline Balzan saret taf b'dan is-self u għamlet dikjarazzjoni f'dan is-sens quddiem il-Qorti.

Id-diverġenza bejn l-atturi u l-konvenuta dwar dawn l-ammonti mislufa hija f'dan l-istadju waħda ta' natura legali.

L-atturi jsostnu li, nonostante n-nuqqas ta' kunsens tal-konvenuta għal dan l-att ta' amministrazzjoni straordinarja, hija xorta għandha twieġeb għalih. Huma jargumentaw illi ġjaladarba hija ma ħaditx il-passi legali disponibbli fil-liġi sabiex timpunja dak l-att, allura huwa validu.

Minn naħa tagħha l-konvenuta tirribatti li tali dejn assunt mill-konvenut mingħajr il-kunsens tagħha ma jgħabbix il-komunjoni tal-akkwisti li fl-epoka kienet viġenti bejn il-konvenuti.

Il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward:

1. Skont **l-artikolu 1322 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** -

*"Dawn li ġejjin huma l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja:*

*(.....)*

*(f) li tissellef jew tislef flus, barra minn depożitu ta' flusf'kont f'bank;"*

Isegwi li a bażi tal-**artikolu 1322 (2) tal-Att** –
*"Il-jedd li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja,u l-jedd li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, imissu liż-żewġ miżżewġin flimkien."*

Fir-rigward ta' atti ta' amministrazzjoni straordinarja li, bħal ma ġara fil-każ tal-lum, isiru mingħajr il-kunsens meħtieġ, **l-artikolu 1326 (1) tal-Att** jipprovdi hekk -

*"1326. (1) Atti li jeħtieġ l-kunsens taż-żewġ partijiet miżżewġa iżda li jitwettqu minn parti waħda mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra jistgħu jkunu annullati fuq it-talba tal-parti l-aħħar imsemmija meta dawk l-atti jkunu dwar it-trasferiment jew il-ħolqien ta' jedd reali jew personali fuq proprjetà immobbli; u meta dawk l-atti jkunu dwar proprjetà mobbli dawn jistgħu jkunu annullati biss meta l-jeddijiet fuqhom ikunu ngħataw b'titolu gratuwitu."*

Dwar il-portata tal-artikolu 1326 appena ċitat il-Qorti qalet hekk fil-każ **Vincent Spiteri et vs Martin Mangion et deċiż mill-Qorti tal-Appell fil-5 t'Ottubru 2001 -**

*".....hu paċifiku illi llum l-jedd li jitwettqu atti ta' amministrazzjoni straordinarja ta' din ix-xorta, kien imiss liż-żewġ miżżewġin flimkien (artikolu 1322 tal-Kodici Civili). Kuntrarjament għal dak li donnhom qed jissuġerixxu l-appellanti, mhux korretta s-sottomissjoni li sanzjoni għall-fatt illi att ta' amministrazzjoni straordinarja ...... minn wieħed biss mill-konjuġi kienet in-nullita' ta' dak l-att. Infatti s-subinċiż (1) ta' l-artikolu 1326 jipprovdi illi:- "Att li jeħtieġ il-kunsens taż-żewġ partijiet miżżewġa jistgħu jitwettqu minn parti waħda mingħajr il-*

*kunsens tal-parti l-oħra.....jistgħu jiġu annullati fuq it-talba tal-parti l-aħħar imsemmija meta dawk l-atti jkunu dwar it-trasferiment jew il-ħolqien ta' jedd rejali jew personali fuq proprjeta' immobbli……..". Hu ovvju minn din id-disposizzjoni li l-liġi ma tqisx allura l-konvenju li allegatament ikun sar minn konjuġi wieħed mingħajr il-kunsens tal-konjuġi l-ieħor bħala null u bla effett fil-liġi. Għall-kuntrarju tqis li hu validu u jorbot anke lill-konjuġi li ma jkunx ta l-kunsens tiegħu sakemm dan ma jieħux il-passi meħtieġa biex dik il-promessa ta' bejgħ tiġi annullata[28].*

*5. L-istess artikolu 1326 (2) jipprovdi wkoll il-modalitajiet kif setgħet issir din il-kontestazzjoni u kif kellu jiddekorri u jiġi kalkolat iż-żmien perentorju li fih tali kontestazzjoni setgħet issir. Il-liġi allura tirriżerva biss lill-konjuġi d-dritt illi jikkontestaw l-operat ta' wieħed minnhom fir-rigward ta' l-amministrazzjoni tal-ħwejjeg komuni. Eċċezzjoni li ma kienet bl-ebda mod miftuħa lil terzi li ma kellhomx id-dritt li jintromettu ruħhom fir-relazzjonijiet familjari li bl-ebda mod ma kienu jinteressawhom. L-att ta' amministrazzjoni straordinarja allura magħmul minn wieħed biss mill-konjugi mingħajr il-kunsens tal-konjuġi l-ieħor ma kienx meqjus mil-liġi bħala null fih innifsu imma biss annullabbli ad istanza tal-konjuġi l-ieħor li ma jkunx ta l-kunsens tiegħu."*

Kompla jingħad hekk fil-każ **Lawrence Cauchi et vs Dr Patrick Spiteri et deċiż fil-11 ta' Novembru 2011** -

*"Għar-rigward tar-responsabbilita` ta' Sylvana Spiteri, jiġi rilevat mill-ewwel li, ai termini tal-Artikolu 1322(3) (f) tal-Kodiċi Ċivili, li tissellef flus hu att ta' amministrazzjoni straordinarja li jeħtieġ il-kunsens ta' kull waħda mill-partijiet mizzewga. L-Artikolu 1326(1) tal-istess Kodici jipprovdi, pero`, li atti li jeħtieġ*

[28] Enfazi ta' dil-Qorti.

*il-kunsens taż-żewġ partijiet miżżewġa iżda li jitwettaq minn parti waħda mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra, ma jkunx null, iżda jista' jiġi annullat fuq it-talba tal-parti l-aħħar imsemmija, jekk l-att joħloq jeddijiet li jkunu ingħataw b'titolu gratwitu. Minn naħa l-ohra, l-Artikolu 1326 (5) jgħid li att bħal dan li jkun dwar mobbli u ma jkunx jinvolvi fih gratuwita` ma jistax jigi annullat – salv id-dritt ta' reinterazzjoni (ara Bugeja v. Micallef deċiża minn din il-Qorti fis-27 ta' Ġunju, 2003, Montebello Enterprises Ltd. v. Cutajar, deċiża minn din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 2007, Waitt v. Lloyd et, deċiża wkoll minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2010, u Difeza et v. Meilak et, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Novembru, 2009). Ifisser allura li, indipendentement mill-validita` u l-effetti tal-prokura li l-appellanti allegatament tat lil żewġha, la darba dak id-dejn ma ġiex attakkat, jew ma jistax jiġi attakkat, tali dejn huwa dejn validu tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi Spiteri. Kwindi, fil-konfront tal-atturi kredituri, il-konjugi Spiteri huma responsabbli t-tnejn, tramite il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom, li jroddu lura l-flus mislufa, u l-appell ta' Sylvana Spiteri ma jistax, għalhekk, jiġi milqugħ.*

Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza l-Qorti tkompli tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet għall-fattispeċje tal-każ odjern –

1. Bħala stat ta' fatt is-self tal-ammonti fil-mori tal-proċeduri ta' separazzjoni sar meta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konvenuti kienet għadha fis-seħħ;

2. Bħala stat ta' fatt ukoll, meta fil-mori ta' dawn l-istess proċeduri l-konvenuta saret taf b'dan id-dejn, ma ħadet ebda azzjoni fil-Qrati a tenur tal-artikolu 1326 tal-Kap 16;

3. Naturalment, safejn jirrigwarda lill-atturi, il-kwistjoni bejn il-konvenuti dwar min hu responsabbli għad-dejn hija estranea għalihom;

4. Att ta' amministrazzjoni straordinarja li jkun sar minn wieħed biss mill-konjugi, u mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra, kif ġara fil-każ odjern jorbot ukoll lill-parti l-oħra, kwindi lill-konvenuta Jacqueline Balzan (li del resto, anke jekk ma jikkonċernax il-pretensjonijiet atturi – hija stess ibbenefikat mis-self in kwistjoni in kwantu dawn il-flus intużaw biex ġew irkuprati proprjetajiet appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti)

5. Għalhekk vis-a-vis *l*-atturi, **il-konvenuti huma responsabbli t-tnejn** - a bażi tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet prevalenti bejniethom fil-mument li seħħ id-dejn - li jirrifondu lill-atturi l-flus mislufa.

6. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonjiet suesposti, t-teżi tal-konvenuta ma treġix peress li fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern is-self in kwistjoni jappartjeni bħala dejn fuq il-komunjoni tal-akkwisti u għar-raġunijiet imsemmija ħadd mill-konvenuti m'għandu jiġi liberat mill-obbligu li jagħmel tajjeb għal dan id-dejn.

Għalhekk it-talba tal-atturi fir-rigward tal-ammonti mislufa waqt il-proċeduri ta' separazzjoni sejra tintlaqa' wkoll.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonjiet tal-konvenuta.**

**2. Tilqa t-talbiet attriċi kif dedotti u dan billi tiddeċiedi u tiddikjara illi l-konvenuti huma flimkien u solidalment bejniethom debituri ta' l-atturi fis-somma ta' tmienja u disgħin elf disa' mija tlieta u ħamsin Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€98,953.71) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti sabiex flimkien u solidalment bejniethom iħallsu lill-atturi s-**

**somma ta' tmienja u disgħin elf disa' mija tlieta u ħamsin Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€98,953.71).**

**3. Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali skont il-liġi kontra l-konvenuti.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**